MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 800/2001/1

**Selmun Palace Company Limited**

**Vs**

**Vincent Muscat u martu Esther Muscat ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut huwa debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Lm5,422.45 rapprezentanti kera dovut in konnessjoni ma' hanut "Gloria's Shop" ghal perjodu bejn 28 ta' Marzu, 1997 u 30 ta' Marzu, 2001 skond *statement* hawn anness.

Premess li l-konvenut gie debitament interpellat sabiex ihallas l-ammont dovut izda baqa' inadempjenti u ma hallas xejn.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi :

1. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' hamest elef erba' mija tnejn u ghoxrin liri Maltin u hamsa u erbghin centezmi (Lm5,422.45) rapprezentanti l-kera dovuta kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni. Bl-imghax legali u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tas-26 ta' April, 2001 u tal mandat ta' qbid ppreznt at kontetwalment ma din ic-citazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Esther Muscat** a fol. 10 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament, l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress li s-socjeta' attrici ma talbet xejn fil-konfront taghha.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess dawn il-proceduri huma konnessi mal-kawza fl-ismijiet **Selmun Palace Hotel Co Ltd vs Vincent Muscat et** (Citaz. Nru. 774/97GV).

3. Illi l-eccipjenti m'ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ma dahlet f'ebda negozju.

4. Illi l-eccipjenti ilha snin twal separata *de facto* minn mal-konvenut Vincent Muscat u fil-fatt hemm proceduri gudizzjarji ta' separazzjoni li ghadhom pendenti. Il-fond "Gloria's Shop" qatt ma kien fil-pussess tal-eccipjenti. Jinghad ukoll li permezz ta' digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, il-konvenut Vincent Muscat kien gie inibit

milli jikkuntratta u jaghmel dejn fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Vincent Muscat** a fol. 17 tal-process fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament id-dezerzjoni tal-kawza ai termini tal-artikolu 963 et seq tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-proceduri bil-miktub ma nghalqux fi zmien sitt xhur minhabba li s-socjeta' attrici ma hadetx hsieb li tinnotifika lill-eccipjenti bic-citazzjoni entro dat-terminu.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-karenza ta' interess guridiku da parti tas-socjeta' attrici li tippromwovi din il-kawza;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intempestivita' ta' l-azzjoni *odjerna stante* li diga hemm proceduri pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti ghall-arretrati ta' kera, f'liema kawza pero' qed jinghad mill-konvenut illi l-kera mhux dovuta stante li ma gewx onorati l-kondizzjonijiet ta' l-okazzjoni *de quo*.

4. Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda kera ma hi dovuta stante li fond mikri mhux ta' l-istess daqs u kwalita' ta' dak li kien jezisti qabel. Oltre dan, l-eccipjenti kellu assikurazzjoni mid-dirigenti tal-lukanda *Selmun Maritim Palace Hotel* illi sakemm dan in-nuqqas jigi ratifikat, l-eccipjenti ma kellux ihallas kera.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-verbal a fol. 20 li bih dina l-kawza kellha tinstema' mal-kawza 774/97GV;

Rat il-verbal a fol. 25 fejn il-partijiet qablu li x-xhieda f'dika l-kawza kellha tapplika ghall-dina l-kawza;

Rat il-verbal a fol. 32/33 minn fejn jirrizulta li s-sorte thallas fil-mori tal-kawza;

Rat il-verbal a fol. 41;

**DECIZJONI**

Tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' l-ewwel talba
spejjez ghall-konvenut Vincent Muscat
Esther Muscat qed tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju
spejjez ghall konvenut Vincent Muscat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------